MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1304/2000/1

**Carmelina Fenech u b'dikriet tas-16 ta' Novembru 2011 in-Nutar Dottor Jeanette Saliba assumiet l-atti minflok Carmelina Fenech li miete fil-mori tal-kawza**

**vs**

**JDS Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi hi u s-socjeta konvenuta kienu fit-18 ta' Ottubru 1998 iffirmaw ftehim ta' appalt – kopja ta' liema giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dokument CF1 – li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta inghatat l-inkariku li

timmanifattura numru ta’ bibien tal-injam ghall-prezz miftiehem u indikat fl-istess ftehim.

Illi l-attrici hallset lis-socjeta konvenuta skond it-termini tal-istess ftehim ta’ appalt is-somma ta’ elf lira maltin (Lm1000) bhala akkont ghall-prezz miftiehem u indikat fl-istess ftehim, il-bilanc kellu jithallas mal-konsenja tal-bibien.

Illi l-attrici u s-socjeta’ konvenuta kienu ftehmu verbalment illi z-zmien ghall-konsenja kellu jkun t-tmien ta’ Dicembru, 1998.

Illi s-socjeta konvenuta naqset li tikkonsenja l-bibien fiz-zmien verbalment miftiehem u sax-xahar ta’ Gunju 1999 is-socjeta’ konvenuta ma’ kinitx ghada temmet il-process ta’ tkejjil fuq il-post fejn kellhom jitwahhlu l-bibien.

Illi l-attrici ma’ setghetx tibqa’ taccetta dan l-istat ta’ fatt konsistenti fi ksur car tal-ftehim ta’ appalt tenut kont anke tal-fatt illi hija riedet tidhol fil-fond fejn kellhom jitwahhlu l-bibien.

Illi ghalhekk l-attrici ghazlet li tinhall mill-ftehim ta’ appalt minhabba l-mankanza da parti tas-socjeta konvenuta li tesegwixxi l-obligazzjoni assunta minnha fl-istess ftehim u konsistentement bdiet titlob ir-rifuzjoni tal-pagament akkont li hija kienet ghamlet mal-iffirmar tal-Ftehim ta’ Appalt.

Illi nonostante d-diversi talbiet kemm verbali u kemm bil-miktub is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi ordnata u kkundannata thallas lura lill-attrici is-somma ta’ elf lira maltin (Lm1000) imhallsa minnha bhala akkont tal-prezz tal-appalt prevja dikjarazzjoni li l-Ftehim ta’ Appalt tat-18 ta’ Ottubru 1998 jinsab mahlul b’rizultat tal-ksur da parti tas-socjeta konvenuta tal-istess Ftehim u dan konsistenti fin-nuqqas ta’ esekuzzjoni skond it-termini miftehma tal-obligazzjoni assunta mis-socjeta konvenuta fl-istess Ftehim ta’ Appalt, li s-socjeta’

konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-hlas tad-danni ghan-nuqqas ta’ esekuzzjoni tal-Ftehim ta’ Appalt, li jigu likwidati d-danni u li jigi ordnat il-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes u bl-imghaxxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit:-

1) Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici ma kellha l-ebda raguni valida biex tholl l-appalt.

2) Illi subordinatament izda bla pregudizzju ghal premess f’kaz li jinstab li l-attrici kellha raguni valida biex tholl il-kuntratt ghandu jkollu applikabilita’ dak sancit fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Semghat lix-xhud Nicholas Cachia imsejjah mill-attrici.

Semghat lill-attrici in kontro-ezami.

Rat l-affidavit ta’ John Sammut prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Semghat lill-imsemmi xhud John Sammut in kontro-ezami.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Jirrizulta li fit-18 ta' Ottubru 1998, l-attrici tat appalt lis-socjeta' konvenuta sabiex jigu manifatturati numru ta' bibien tal-injam ghall-prezz komplessiv ta' Lm 2987. L-attrici hallset lis-socjetà konvenuta Lm1000 bhala depositu u akkont ghall-prezz kollu miftiehem. Il-bilanc kellu jithallas mal-konsenja tal-bibien.

L-attrici tallega li mas-socjeta' konvenuta ftehemet verbalment illi z-zmien ghall-konsenja kellu jkun Dicembru, 1998. Ġara illi sa' l-imsemmi terminu ta'Diċembru 1998 l-attriċi ma semgħet xejn mingħand is-soċjetà konvenuta, u konsegwentament hija bdiet tiġri wara John Sammut tas-soċjetà konvenuta JDS għax-xogħol izda l-attrici tgħid illi dan dejjem kien isibilha xi skuża għalfejn ix-xogħol ma kienx għadu lest.

L-attrici ssemmi okkazzjoni fejn hi u l-imsemmi rappresentant tas-socjeta' konvenuta ftehemu li jiltaqghu u fejn kellu ukoll ikun presenti mastrudaxxa ieħor li kien ser jitqabbad mill-attrici sabiex ikompli u jlesti x-xogħol minflok is-socjeta' konvenuta. L-attriċi ssostni li s-socjeta' konvenuta ma żammitx dan l-appuntament. Dwar din l-okkazzjoni xehed Nicholas Cachia (fol.34) li kien il-mastrudaxxa li kien ser ikompli x-xoghol. John Sammut mis-socjeta' konvenuta xehed dwar dan l-episodju (fol.48) u qal illi mhux possibbli li l-attriċi u l-imsemmi mastrudaxxa marru x-showroom taghhom fil-hin li semmiet l-attrici għaliex f'dak il-ħin, ix-showroom tkun magluqa

L-attriċi ssostni li s-socjetà konvenuta naqset li tikkonsenja l-bibien fiz-zmien verbalment miftiehem u peress li hija kellha bżonn tidħol fil-post hi ghazlet li tinhall mill-Ftehim ta' Appalt. L-attriċi kkonfermat li nfurmat lil John Sammut tas-socjeta' konvenuta li kienet ser tagħti x-xogħol lil mastrudaxxa ieħor. Jirrizulta li in effett ix-xogħol tlesta minn dawn it-terzi.

Is-socjeta' konvenuta ghat-talbiet tal-attrici rrispondiet li l-attriċi ma kellha l-ebda raguni valida biex tħoll l-appalt stante li mill-ftehim ma jirriżultax li ġiet stabbilita xi data

tal-konsenja tal-bibien. Inoltre is-soċjetà konvenuta ssostni li laħqet xtrat l-injam u laħqet għamlet xi xogħol. L-imsemmi John Sammut xehed (fol.55) li l-ispejjez li s-socjeta' konvenuta kienet lehqet ghamlet kienu jammontaw għal ċirca sitt mitt lira sa' sitt mija u ħamsin lira maltin, u kienu jinkludu fittings tal-loovers, spanjuletti u xi injam, li minnu ftit intuża għal xogħol ieħor. Inoltre tgħid is-socjeta' konvenuta soffriet telf tal-qliegħ li kienet sejra tagħmel mix-xoghol in kwestjoni. L-imsemmi John Sammut qal ukoll li peress li xi madum kien dam biex jasal u kwindi ma setax jittiehed il-qis. Dwar dan l-attrici qalet (fol.43) li l-madum in kwestjoni twaħħal għall-ħabta ta' Ottubru.

**Konsiderazzjonijiet Legali.**

Bil-preżenti kawża l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tordna lis-soċjetà konvenuta li thallasha lura s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) imhallsa akkont tal-prezz tal-appalt, u li jigi tiddikjara illi l-Ftehim tal-Appalt tat-18 ta' Ottubru 1998 jinsab mahlul b'rizultat tal-ksur da parti tas-socjetà konvenuta u talbet ukoll li jigi dikjarat li s-socjetà konvenuta hi responsabbli ghall-hlas tad-danni ghan-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-Ftehim ta' Appalt.

Mill-provi jirriżulta li fit-18 ta' Ottubru 1998 il-partijiet issottoskrivew il-ftehim tal-appalt imsemmi (fol.5). F'dan il-ftehim li sar bil-miktub l-"approximate delivery date" tħalliet vojta. Kwindi jidher li ma kienx hemm ftehim bil-miktub dwar id-"delivery date". Inoltre ma jirrizulta xejn, mill-provi, li jista jinghad li b'xi mod jikkorabora l-verżjoni tal-attriċi li kien hemm ftehim verbali li l-kunsinna tal-bibien kellha ssir sa' Diċembru 1998, kif issostni l-attrici fiċ-ċitazzjoni. Inoltre, jirriżulta ukoll illi l-madum fil-post tal-attriċi fejn kellhom jitpoġġew il-bibien twaħħal f'Ottubru 1998 – u kwindi kien f'dan il-mument li s-soċjetà konvenuta setgħet tieħu l-kejl għall-bibien. L-attriċi tgħid illi sa' Ġunju 1999 kienet għadha qiegħda tistenna x-xogħol mis-soċjetà konvenuta (affidavit taghha – fol.27) u li sa' dak il-mument is-socjeta' konvenuta kienet għadha ma ħaditx il-kejl. F'Ġunju tal-1999 l-attriċi tgħid illi hija iddeċidiet li tati l-inkarigu lil ħaddieħor peress li sa' dak il-mument is-soċjetà

konvenuta lanqas ma kienet għadha kejlet fuq il-post. Imbagħad f'Lulju 1999 ix-xogħol tlesta minn mastrudaxxa ieħor.

Hawnhekk id-disposizzjoni tal-Ligi applikabbli hi l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili li jipprovdi li min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda. Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt. Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra. Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont dan l-istess artikolu. u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta. Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita jew konferma mill-Qorti.

Minn dawn il-provedimenti jirriżulta illi kull min jagħti appalt, jista' jħoll x'ħin irid il-ftehim, anki jekk ix-xogħol ikun inbeda. Kif ġie ritenut mill-Prim Awla, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Alcasons & Company Limited nomie vs Tigne Development Company Ltd nomine" tat-28 ta' Lulju 2004:- "Id-distinzjoni waħdanija magħmula mil-liġi tagħna hija dwar jekk l-appaltant kellux raġuni tajba jew le biex iwaqqaf lill-kuntrattur mill-jkompli bix-xogħol." Dak il-hin li l-attrici għarrfet lis-socjeta' konvenuta li hija riedet ittemm il-ftehim, il-kuntratt ġie xjolt. Ghalhekk tibqa' biss il-kwistjoni jekk l-appalt intemmx għal raġuni valida u tajba jew le. Huwa biss wara li ssir din l-indaġini li jista' jiġi stabbilit liema subartikolu japplika u ċioe jekk japplikax is-subartikolu 2 jew is-subartikolu 3 tal-imsemmi artikolu.

Kif gia rilevat ma jirriżultax mill-provi illi kien hemm terminu li fih kellhom jigu kkonsenjati l-bibien lill-attrici. Kwindi lanqas ma tirriżulta tardività fl-sekuzzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta. Għal din ir-raġuni japplika s-subartikolu 2 peress li ma hemmx raġuni valida biex jinħall il-kuntratt ġaladarba ma ġiet ippruvata ebda data miftehma għall-kunsinna. Mid-depożitu li ħallset l-attriċi lis-soċjetà konvenuta għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż li din għamlet flimkien ma' somma li tiġi viċin il-qliegħ li s-soċjetà konvenuta setgħet għamlet minn dan l-appalt, u dan skond is-subartikolu 4 tal-imsemmi artikolu. Jiġi osservat illi għall-finijiet tal-ispejjeż li għandhom jitnaqqsu mid-depożitu, għalkemm John Sammut xehed illi huwa għamel spejjeż ta' bejn is-sitt mija u s-sitt mija u ħamsin lira Maltin (fol 55) dan bl-ebda mod ma ġie ippruvat sufficjentement. Hemm ukoll il-kwistjoni illi s-soċjetà konvenuta setgħet tagħti l-injam lill-mastrudaxxa l-ġdid, u ċioe lil Nicholas Cachia biex dan jaħdmu huwa, u b'hekk is-soċjetà konvenuta setgħet tnaqqas l-ispejjeż. In oltre John Sammut mis-soċjetà konvenuta xehed a fol 55 illi xi injam kien użah għal xogħol ieħor. Pero tibqa' l-problema illi ma inġabitx prova tal-ispejjeż li għamlet is-soċjetà konvenuta, u kwindi ma jistax jiġi stabbilit eżattament x'somma għandha titnaqqas mid-depożitu li ħallset l-attriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet, u a bazi tas-subartikolu 2 tal-artikolu in kwestjoni, id-depożitu li ħallset l-attriċi għandu jkopri s-somma li tiġi viċin il-qliegħ li l-appaltatur JDS Limited setgħet għamlet minn dan l-appalt li gie xjolt mingħajr raġuni valida mill-attriċi Carmelina Fenech. Kwindi it-talbiet tal-attriċi ghandhom jigu kollha rigettati bl-ispejjeż kontra l-istess attrici.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attriċi bl-isejjeż kollha kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------